DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/603

tad-9 ta' April 2021

li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Belġju, tal-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Belġjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' korpi reġjonali u lokali li jew għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta.

(2) Fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/511 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Willem-Frederik SCHILTZ.

(4) Il-Gvern Belġjan ippropona lis-Sa Gwendolyn RUTTEN, li għandha mandat elettorali reġjonali bħala membru tal-*Vlaams Parlement* (Parlament Fjamming), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuna segwenti hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

— Is-Sa Gwendolyn RUTTEN, Member of a Regional Assembly: *Vlaams Parlement*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).